# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 3 (Kost.)**

**Rik. Nru. 66/16JRM**

Christian **BORĠ**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat, u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Lulju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) issib li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu li jkollu smigħ xieraq u wkoll dak li ma jitqiesx ħati ta' reat għal xi għemil li ma jkunx jikkostitwixxi reat fil-waqt li

jkun seħħ u dan kif imħarsin taħt l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u dan minħabba l-fatt li tħassritlu l-liċenza tiegħu li jħaddem servizz ta' kiri ta' karozzi minħabba li, bla ma kien jaf, fil-liċenza proviżorja tiegħu tas-sewqan bdew jiżdiedu l-punti ta' kull darba li vetturi mikrijin mill-ażjenda mmexxija minnu kienu jwettqu kontravenzjonijiet bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur[1], minkejja li l-vetturi jkunu nstaqu minn ħaddieħor li lilhom ikun kera l-istess vetturi; u (ii) tagħti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u meħtieġa sabiex jitħarsu l-imsemmija jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin kemm mill-Kostituzzjoni u kif ukoll mill-Konvenzjoni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2016, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ tas-26 ta' Lulju, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorità intimata fl-14 ta' Lulju, 2016, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalet li mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u jmissha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma kenitx hi li ħarġet ir-Regolamenti li minnhom jilminta r-rikorrent, imma kien il-Ministru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni (illum il-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura) li għamel u daħħal fis-seħħ l-istess Regolamenti; li lanqas l-intimat l-ieħor l-Avukat Ġenerali ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent billi l-azzjoni messha saret kontra l-Ministru u għalhekk imissu huwa wkoll jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju u l-azzjoni titwarrab sommarjament bi spejjeż għar-rikorrent. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li r-rikorrent ma ġarrab ksur tal-ebda jedd kif imħares bl-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-22 ta' Lulju, 2016, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li huwa mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent u jmissu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex l-azzjoni messha saret kontra l-Ministru konċernat u mhux kontrih għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li t-teħid ta' liċenza ma jaqax taħt waħda mill-mansjonijiet tal-istess intimat, u lanqas ma kien hu li ħareġ ir-Regolamenti li minnhom jilminta r-rikorrent; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali li tisma' l-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, ladarba r-rikorrent għandu rimedji ordinarji oħrajn li jista' u

[1]A.L. 191/02 (L.S. 65.18)

qiegħed jinqeda bihom biex jingħata rimedju. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet tar-rikorrent mhumiex mistħoqqa għaliex is-sanzjonijiet amministrattivi li ttieħdu fil-konfront tiegħu ma kinux jammontaw għal piena deterrenti jew punittiva u lanqas jikkostitwixxu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Dan jingħad minbarra l-fatt li r-Regolamenti jagħtu jedd sħiħ biex persuna tikkontesta l-kontravenzjonijiet u l-fatt li r-rikorrent aċċettahom bla ma kkontestahom ma jagħtihx raġun biex issa jressaq azzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali b'ħaġa li ġab b'idejh huwa nnifsu. Il-liġijiet u r-Regolamenti fis-seħħ ma jħallu l-ebda dubju fl-iskop u fl-eżekuzzjoni tal-penali amministrattivi li huma immirati li jilħqu;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-31 ta' Lulju, 2017[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, sabet li l-Awtorità intimata kienet il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi, sabet li l-intimat Avukat Ġenerali ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju, u astjeniet mill-eċċezzjonijiet imqajmin minn kull wieħed mill-intimati li tieqaf milli twettaq is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqa mir-rikorrent;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' April, 2018, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mir-rikorrent quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-13 ta' Settembru, 2016[3], dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari tiegħu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorità intimata fid-19 ta' Settembru, 2016[4], dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-23 ta' Settembru, 2016[5], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet tal-intimati;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

---

[2] Paġġ. 58 sa 65 tal-proċess
[3] Paġġ. 29 sa 36 tal-proċess
[4] Paġġ. 37 – 8 tal-proċess
[5] Paġġ. 39 sa 43 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2016, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jilminta li ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu li jingħata smigħ xieraq u wkoll li ma jitqiesx ħati ta' reat li, meta twettaq ma jkunx jikkostitwixxi reat, kif imħarsin kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni. Huwa jgħid li, bħala sid liċenzat li jmexxi negozju ta' kiri ta' karozzi, kellu l-liċenza tiegħu mħassra minħabba li fuq il-liċenza tas-sewqan tiegħu nġemgħu għadd ta' punti minħabba kontravenzjonijiet imwettqin minn ħaddieħor li jkun kera karozzi mingħandu u li, minħabba r-Regolamenti fis-seħħ, jitgħabba bir-responsabbiltà tagħhom hu;

Illi għal din l-azzjoni, l-Awtorità intimata laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u jmissha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma kenitx hi li ħarġet ir-Regolamenti li minnhom jilminta r-rikorrent, imma kien il-Ministru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni (illum il-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura) li għamel u daħħal fis-seħħ l-istess Regolamenti; li lanqas l-intimat l-ieħor l-Avukat Ġenerali ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent billi l-azzjoni messha saret kontra l-Ministru u għalhekk imissu huwa wkoll jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju u l-azzjoni titwarrab sommarjament bi spejjeż għar-rikorrent. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li r-rikorrent ma ġarrab ksur tal-ebda jedd kif imħares bl-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat Ġenerali laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li huwa mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent u jmissu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex l-azzjoni messha saret kontra l-Ministru konċernat u mhux kontrih għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li t-teħid ta' liċenza ma jaqax taħt waħda mill-mansjonijiet tal-istess intimat, u lanqas ma kien hu li ħareġ ir-Regolamenti li minnhom jilminta r-rikorrent; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali li tisma' l-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, ladarba r-rikorrent għandu

rimedji ordinarji oħrajn li jista' u qiegħed jinqeda bihom biex jingħata rimedju. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi b'sentenza preliminari, din il-Qorti sabet li l-Avukat Ġenerali ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi imma li l-Awtorità intimata kienet, u għalhekk kellha twieġeb għall-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet tar-rikorrenti, filwaqt li ħelset lill-istess Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li r-rikorrent kien liċenzat biex imexxi servizz ta' kiri ta' vetturi, taħt is-setgħat tar-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi[6]. Fiż-żmien rilevanti għall-każ tal-lum, l-imsemmi negozju jgħodd fih mat-tmienja u tletin (38) vettura privata personali tar-rikorrent (li tlieta minnhom kienu trasferiti lil terzi) u seba' mija u sitta u erbgħin (746) vettura li jinkrew (li disgħa minnhom kienu trasferiti lil terzi)[7] u kollha kemm huma liċenzati mal-Awtorità intimata. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent igawdi minn liċenza li tissejjaħ "*public service garage licence*"[8];

Illi huwa ngħata l-liċenza tas-sewqan fl-2011 malli għalaq it-tmintax-il (18) sena bil-kundizzjoni li, fi żmien tliet snin mill-għoti tagħha, ma jeħilx aktar minn tnax-il (12) punt ta' penali[9];

Illi sena wara li kiseb il-liċenza tas-sewqan, talab u kiseb il-permessi biex jibda jħaddem in-negozju tiegħu tal-kiri tal-karozzi fl-2012;

Illi bit-tħaddim tar-Regolamenti fis-seħħ, kull kontravenzjoni li saret minn sewwieqa li krew vetturi mingħandu kien jitgħabba biha hu. Sa nofs is-sena 2016, fuq isem ir-rikorrent kienu twaħħlu mijiet ta' punti penali minħabba kontravenzjonijiet imwettqa minn vetturi liċenzati f'ismu[10], minkejja li ma kien involut fl-ebda kontravenzjoni personalment. Ħareġ ukoll, madankollu, li r-rikorrent kien iħallas għadd mill-kontravenzjonijiet li kienu jaslulu bla ma jikkontestahom. Huwa jgħid li "ħafna drabi jkun inutli għalija illi nikkontesta l-kontravenzjonijiet illi jinħarġu fir-rigward tiegħi, u dan għaliex, kif spjegajt, il-maġġoranza tal-klijentela tiegħi huma barranin u jkunu diġà telqu lura lejn darhom"[11]. Mill-atti, jirriżulta li sebgħa u sittin (67) kontravenzjoni minn vetturi reġistrati fuq ir-rikorrent bejn Settembru tal-2011 u Jannar tal-2016 kienu rtirati wara li tressqu quddiem il-Bord tal-Petizzjonijiet jew għaliex waqgħu bil-preskrizzjoni[12];

---

[6] A.L. 88 tal-2010 (L.S. 499.58)
[7] Dokti "KC1" sa "KC4" u x-xhieda ta' Karin Cremona f'paġġ. 90 sa 143 u 192 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Sylvana Bartolo f'paġ. 195 tal-proċess
[9] *Ibid.* f'paġġ. 199 – 200 tal-proċess
[10] Dok "SBA", f'paġġ. 144 sa 184 tal-proċess
[11] Affidavit tiegħu f'paġ. 70 tal-proċess
[12] Dok "SMA", f'paġġ. 185 – 9 tal-proċess

Illi fiż-żmien rilevanti, meta vettura reġistrata fuq isem ir-rikorrent kienet taħti ta' xi kontravenzjoni li ġġib magħha tnaqqis ta' punti għall-għanijiet ta' liċenza tas-sewqan, l-Awtorità kellha sistema li bih tgħarraf lil-liċenzat bil-miktub darba fix-xahar b'dak it-tnaqqis u biex issejjaħlu jġibilha l-Kontroparti tal-Liċenza tas-Sewqan ("*counterpart driving licence*") ħalli fuqha jiddaħħal annotament dwar il-punti mnaqqsa[13]. Jirriżulta li lir-rikorrent intbagħtitlu ittra f'Mejju tal-2012[14] biex jieħu miegħu l-Kontroparti, imma r-rikorrent naqas li jagħmel dan u l-liċenza tiegħu tħassret. Fiż-żmien li kienet miexja din il-kawża, kienu nġemgħu sitt elef, tmien mija u għaxar (6810) punti fuq isem ir-rikorrent[15] bejn Jannar tal-2012 u Novembru tal-2018[16];

Illi s-sistema ta' tnaqqis ta' punti sar jgħodd għal kulħadd minn Diċembru tal-2017[17]: qabel kien jitħaddem biss fir-rigward ta' dawk li jiksbu l-liċenza tas-sewqan għall-ewwel darba u għall-ewwel tliet (3) snin minn mindu jkunu kisbuha;

Illi fl-2013, l-Awtorità intimata bagħtet tgħarraf lir-rikorrent li kienet ser tirtiralu l-liċenza tiegħu tas-sewqan minħabba li kiser il-kundizzjoni li taħtha ingħatatlu, dwar l-għadd ta' punti penali, u li kellu jerġa' joqgħod għall-eżami tas-sewqan u l-ħruġ ta' liċenza ġdida tas-sewqan;

Illi r-rikorrent kiteb dwar dan lill-Awtorità intimata permezz ta' avukat imqabbad minnu[18] biex jitlobha tagħtih rimedju għall-problema li kien fiha minħabba li dak li ġara ma kienx ħtija tiegħu;

Illi fit-23 ta' Ġunju, 2014[19], ir-rikorrent bagħat ittra uffiċjali lill-Awtorità biex iżommha milli tħassarlu l-liċenza tas-sewqan u biex toħroġlu liċenza ta' sewqan permanenti. B'ittra uffiċjali mibgħuta lilu f'Lulju tal-2014[20], l-Awtorità intimata warrbet it-talba li kien għamlilha dwar it-tħassir tal-liċenza tiegħu tas-sewqan;

Illi fit-28 ta' Lulju tal-2014, ir-rikorrent nieda proċeduri kontra l-Awtorità intimata quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva biex jattakka d-deċiżjoni meħuda minnha kontrih fit-23 ta' Lulju, 2014;

Illi fil-5 ta' Lulju, 2016, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

[13] Xhieda ta' Sylvana Bartolo f'paġġ. 201 – 2 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Sylvana Bartolo f'paġ. 240Ċ tal-proċess
[15] Xhieda ta' Brian Farruġia f'paġ. 516 tal-proċess
[16] Dok "BF", f'paġġ. 409 sa 515 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Stephen Mallia f'paġ. 208 tal-proċess
[18] Dok "CB1", f'paġġ. 7 – 8 tal-proċess
[19] Dok "CB3", f'paġ. 9 tal-proċess
[20] Dok "CB3", f'paġ. 10 tal-proċess

Illi b'sentenza preliminari tas-27 ta' Settembru, 2016, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sab li r-rikorrent kien ressaq it-talba tiegħu wara li kien għalaqlu ż-żmien. Huwa appell minn dik id-deċiżjoni, imma b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Ottubru, 2018, l-appell ma ntlaqax;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali relattivi għall-każ li tressaq quddiem din il-Qorti jridu jistħarrġu s-siwi tal-ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali taħt żewġ fergħat – f'dak li jirrigwarda l-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq u f'dak li jirrigwarda l-jedd li persuna ma tinstabx ħatja dwar xi għemil li, fiż-żmien li twettaq, ma jkunx meqjus mil-liġi bħala reat. Ir-rikorrent sejjes il-kawża tiegħu fuq dawn iż-żewġ jeddijiet;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrent dwar **ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq**, il-kawża tissejjes kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll dawk tal-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni. L-ilment tar-rikorrent se jitqies flimkien kemm taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u kemm taħt dik tal-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

"*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*

*"(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*

*"(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*"(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bispejjeż pubbliċi;*

*"(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*

*"(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża,*

*"u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu*";

Illi s-sub-artikoli (1) u (3) tal-Konvenzjoni jipprovdu li:

*"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. .. ..;*

*"(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*"(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

*"(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*"(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*"(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*"(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*";

Illi r-rikorrent jgħid li r-revoka tal-liċenza ma jmisshiex titqies biss bħala sanzjoni amministrattiva kif mifhuma fid-Dritt Amministrattiv, għaliex meta din tiġi wara li jkunu ngħataw il-punti wara kontravenzjoni, it-tħassir ta' liċenza jsir miżura ta' natura punitiva li titlob proċess bid-dritt tal-*audi et alteram partem* u bil-piż tal-prova kif imħares fil-proċessi penali. Huwa jżid jgħid li s-sistema tal-punti mnaqqsa minn liċenza tas-sewqan huwa wieħed magħruf mil-liġi li taħtha twaqqaf bħala proċess ta' sura penali. Isaħħaħ dan l-argument billi jsemmi kemm hemm dispożizzjonijiet taħt ir-Regolamenti – li jrieġu s-sistema tal-punti – li jirreferu espressament għal termini li wieħed isib fi proċedimenti ta' xejra kriminali, bħalma huma "kontravenzjoni" u "reat"[21]. Ir-rikorrent isemmi xi sentenzi tal-Q.E.D.B. biex juri kif is-sistema tal-punti jmissha titqies bħala waħda ta' bixra penali;

Illi wara li ressaq dawk l-argumenti, ir-rikorrent jgħid li l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq inkisirlu minħabba li kien imċaħħad minn aċċess effettiv għal qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali. Huwa jisħaq li ma kellux proċedura effettiva sabiex jikkontesta kontravenzjonijiet li jkunu twettqu minn ħaddieħor (persuni li jkunu krew vetturi mingħand id-ditta tiegħu u li jkunu wettqu kontravenzjonijiet tas-sewqan matul il-kirjiet), u liema

[21] Reg 40 tal-L.S. 65.18 u s-Sitt Skeda mal-imsemmija Regolamenti

kontravenzjonijiet ikunu attribwiti lilu. Huwa jżid jgħid li, minkejja kulma ngħad, bħala negozjant ma kellu l-ebda mod effettiv kif jikkontesta kull waħda mill-kontravenzjonijiet u jressaq il-provi dwarhom. Jgħid li kien minħabba f'hekk li, sa ma nbidel is-sistema fl-2017, kien jaqbad u jħallas il-kontravenzjonijiet, biex ma jinqabadx fis-sanzjonijiet ta' Regolamenti[22] oħrajn u ma jiġġeddux il-liċenzi ta' vetturi mill-bosta li għandu reġistrati f'ismu;

Illi min-naħa tagħha l-Awtorità taffronta s-sottomissjonijiet tar-rikorrent billi tibda biex taqbel miegħu li l-kontravenzjonijiet li nħarġu kontra r-rikorrent matul is-snin kienu ta' bixra penali u li għalihom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni[23]. Imma minn hemm 'il quddiem tikkontestah fl-ilment tiegħu li b'xi mod ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Hija tisħaq li, minn kliemu stess, ir-rikorrent kien jaf bil-ħruġ tal-kontravenzjonijiet u kellu kull jedd li, bla xkiel ta' xejn, jikkontestahom fis-sede xierqa. Tgħid li kien jiġi minnu li, fejn kellu vetturi mikrija li nqabdu f'kontravenzjoni, jidher quddiem it-tribunal u jressaq kopja tal-kuntratt ta' kirja u b'mod effettiv juri li fil-ħin tal-kontravenzjoni l-vettura ma kinitx qiegħda tinsaq minnu. L-Awtorità ttenni argument li ilha tagħmlu sa mill-bidu tal-kawża li r-rikorrent għażel li ma jinqediex bir-rimedji

Illi l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward jirrigwarda l-aspett ta' aċċess effettiv għal qorti, aktar milli ħaġ'oħra marbuta mal-kontinġenzi l-oħrajn imsemmija fid-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni;

Illi għalkemm ma jissemmiex espressament bħala jedd fih innifsu, il-jedd għall-aċċess effettiv għall-ġustizzja huwa meqjus bħala element meħtieġ għall-ħarsien sħiħ tal-jedd għal smigħ xieraq, l-aktar minn limitazzjonijiet li l-Istat jista' jaħseb li jagħmel u li jfixklu lil min ikun milli jkun jista' jitlob it-tħaris ta' jeddijietu, l-aktar jekk kemm-il darba tali limitazzjonijiet ikunu formalistiċi jew li fuqhom il-persuna mġarrba ma jkollha l-ebda kontroll[24]. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni tfissru minn bosta awtoritajiet ġuridiċi u ġudizzjarji bħala dispożizzjonijiet li mhux biss jiggarantixxu dritt **ta'** smigħ xieraq fi proċediment mibdi dwar il-ħarsien ta' jedd jew obbligazzjoni ċivili, iżda wkoll dritt **għal** smigħ xieraq b'ħarsien ta' jedd jew obbligazzjoni bħal dawk[25], u dan b'riferenza għad-determinazzjoni ta' kull jedd ċivili jew obbligazzjoni u mhux biss dawk il-jeddijiet jew libertajiet imħarsa mill-Konvenzjoni nnifisha. Minbarra f'hekk, dan il-jedd jinkludi fih il-fażijiet u l-aspetti kollha marbuta mal-proċess ġudizzjarju, magħduda dawk dwar l-ispejjeż

---

[22] Jirreferi għar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 198/09)(L.S. 368.02)
[23] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 594 tal-proċess
[24] Kost. **12.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Schembri vs L-Avukat Ġenerali***
[25] Ara Q.E.D.B. **21.2.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Golder vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 4451/70) §§ 34 - 35

li jidħlu fi proċedimenti biex jitħarsu dawk il-jeddijiet u dawk l-obbligi[26]. Fuq kollox, it-tifsira hekk mogħtija lill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni twassal biex tagħti garanzija li l-jedd ta' aċċess għal qorti bħala element ewlieni tal-jedd għal smigħ xieraq iġib miegħu wkoll il-jedd ta' għoti ta' rimedju effettiv, kif irid l-artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni;

Illi huwa madankollu daqstant ieħor magħruf li l-jedd ta' aċċess għal qorti m'huwiex wieħed mingħajr limiti jew assolut. Minbarra każijiet fejn il-persuna nnifisha tagħżel minn rajha li tirrinunzja għal proċedura li setgħet tinqeda biha, huwa aċċettat li hemm limitazzjonijiet oħra li jistgħu jikkontrollaw aċċess għal qorti jew saħansitra jneħħuh, bħalma huma regoli dwar persuni li ma jistgħux ikunu f'ġudizzju jew fil-każ ta' żminijiet ta' preskrizzjoni jew termini stabiliti biex wieħed jadixxi qorti jew tribunal, jew fil-każ li l-liġi tkun tipprovdi għal proċeduri alternativi. Madankollu, il-fatt waħdu li l-aċċess għal qorti jista' jitlob ċertu xogħol u intrigu ta' tħejjija, ma jwaqqax b'daqshekk biss dak il-jedd jew ir-rieda ta' persuna li tinqeda bih;

Illi, fid-dawl tal-fatti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża, il-Qorti ssib li l-argument tar-rikorrent imissu jkun kwalifikat b'mod sostanzjali. Dan qiegħed jingħad għaliex biex ir-rikorrent jista' tabilħaqq jgħid li kien imċaħħad minn aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali u proċess xieraq, irid juri li dik iċ-ċaħda ma kinitx ġejja minn imġiebtu stess. Fil-fehma tal-Qorti, dak li r-rikorrent jilminta minnu llum dwar aċċess xieraq għal qorti kien il-frott ta' atteġġament li huwa ħa għal darba wara l-oħra u li wasslitu għal qagħda li llum qiegħed jittanta jħoll b'din il-kawża;

Illi l-Qorti tqis li, sa minn meta fetaħ in-negozju tiegħu b'rabta ma' kiri ta' vetturi, ir-rikorrent minn dejjem kellu għadd imdaqqas ta' vetturi taħt il-kontroll tiegħu u l-problemi ta' kontravenzjonijiet marbuta ma' vetturi li jkunu nkrew lil terzi ma kinux marbutin biss mas-sistema tal-punti. Fit-tieni lok, mill-provi ħareġ li l-Awtorità kienet bagħtet għalih fl-2012 biex jirregolarizża u jekk ikun il-każ jispjega l-qagħda, u ma ma tax każ u ma marx. Kien minħabba f'hekk li l-liċenza tiegħu kienet revokata. Ħareġ ukoll li, f'bosta każijiet, huwa kien inqeda bir-rimedju tal-petizzjonijiet u, f'għadd ta' każijiet, il-kontravenzjonijiet kienu twaqqgħu. Ir-rimedju tal-petizzjonijiet huwa wieħed statutorju[27] li tnieda snin qabel ma r-rikorrent kellu l-ewwel liċenza tas-sewqan u li għalhekk ikopri ż-żmien kollu li r-rikorrent jilmenta minnu f'din il-kawża. Il-Qorti ssib li għandha taqbel mal-Awtorità meta targumenta li, fil-qadi ta' dan ir-rimedju (u kif ukoll fil-kontestazzjoni għall-kontravenzjoni quddiem il-

[26] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th Edit, 2006), § 10.4 , f'paġġ. 557 – 563
[27] Ara A.L. 414/05 (L.S. 291.04)

Kummissarji għall-Ġustizzja) ir-rikorrent ma kienx hemm għalfejn jidher personalment, imma seta' jqabbad persuna tidher għalih bla xkiel ta' xejn;

Illi minbarra dan, mill-bosta provi dokumentali li tressqu għall-eżami ta' din il-Qorti, ħareġ ukoll li kien hemm okkażjonijiet fejn ir-rikorrent deher quddiem it-Tribunal partikolari u seħħlu jwaqqa' l-akkużi u jkun liberat minnhom. Fi kliem ieħor, ir-rikorrent kellu u nqeda b'rimedji li l-liġi kienet tagħtih, minkejja li jgħid li ma kellux il-mezz li jressaq xhieda u provi, u fl-ebda waqt ma kien imċaħħad minn aċċess għal xi qorti jew tribunal biex jiddefendi l-każ tiegħu. Fit-tielet lok, jidher li d-diffikultajiet li r-rikorrent qiegħed isemmi biex juri li ma kellux aċċess effettiv għal proċess mistħoqq kienu diffikultajiet maħluqa min-nuqqas ta' organiżżazzjoni tat-tmexxija tan-negozju tiegħu. B'dak l-għadd kbir ta' vetturi reġistrati fuq ismu, ukoll qabel l-2017, ir-rikorrent kellu jieħu ħsieb joħloq sistemi ta' kontroll intern li jgħinuh u jħarsuh mill-effetti tas-sistema tal-punti li kienet iddaħħlet sa minn bosta snin qabel ma huwa nnifsu kiseb il-liċenza tas-sewqan l-ewwel darba u li huwa kien tabilfors jaf biha. Fir-raba' lok, kif jistqarr huwa stess, fil-mori ta' din il-kawża r-Regolamenti nbidlu u żiedu l-effettività ta' rimedji għal persuni kollha li jsibu rwieħhom fil-qagħda li kien fiha r-rikorrent;

Illi safejn ir-rikorrent jilmenta li t-tibdiliet fil-liġi ma seta' jieħu l-ebda benefiċċju minnhom għax ma kinux imorru lura minn Diċembru tal-2017, din il-Qorti tirreferi għal dak li qalet fil-paragrafu ta' qabel dan u tgħid li l-bidliet li ddaħħlu fir-Regolamenti fl-2017 saħħew dak li kienu jippreskrivu qabel, u mhux ħolqu rimedji ġodda. Ir-rimedji l-qodma li r-rikorrent innifsu nqeda bihom fejn ried, baqgħu hemm u saru aktar aċċessibbli għal persuni bħalu bil-garanziji kollha maħsuba biex dak il-proċediment ikun wieħed li jagħti smigħ xieraq[28], sewwasew għaliex id-dritt ta' aċċess għal qorti jew tribunal huwa, fih innifsu, dritt privat[29]. Il-Qorti temmen li l-jedd ta' aċċess għal qorti jew tribunal bħala attribut tal-jedd għal smigħ xieraq ikun sodisfatt jekk jista' jingħata lil persuna bħal dik rimedju taħt il-liġijiet fis-seħħ, ukoll jekk dak ir-rimedju jista' jkun ċirkoskritt jew regolat b'dispożizzjonijiet oħra tal-liġi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma ġarrab l-ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, f'dak li jirrigwarda l-aċċess għal qorti;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ilment ta' **ksur il-jedd li persuna ma tinstabx ħatja dwar xi għemil li, fiż-żmien li twettaq, ma jkunx meqjus mil-liġi bħala reat**, ir-rikorrent isejjes dan l-ilment kemm fuq id-dispożizzjonijiet

[28] Kost. **29.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Clayton Communications Co Ltd vs Il-Prim Ministru et***
[29] Kost. **6.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Pig Breeding Co Ltd vs Avukat Ġenerali et***

tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt dawk tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jgħid:

"*Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi imposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi imposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul*";

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"*(1) Ħadd m'għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*
*"(2) Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni ta' piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizżati*";

Illi dwar dan l-ilment, ir-rikorrent jgħid li ġarrab ksur ta' dak il-jedd fundamentali minħabba li jgħid li, bit-tħaddim tar-Regolamenti[30], huwa qiegħed jinstab ħati ta' reati li ma wettaqx hu u li ma setax wettaq hu dispożizzjonijiet. Iżid jgħid li, fl-isfond tal-kumulu ta' punti, biex ma jkunx hemm inġustizzja għandu jittieħed qies tal-persuna li tkun detentriċi ta' liċenza tas-sewqan u mhux tal-persuna reġistrata bħala s-sid. Huwa jgħid li, minħabba l-fatt li l-kontravenzjonijiet imwettqa minn sewwieqa ta' vetturi li jkunu krew il-vettura mingħandu jitwettqu mis-sewwieqa, imissu jkun is-sewwieq liċenzat, u mhux sid il-vettura, li jmissu jitgħabba bil-ħtija ta' tali kontravenzjoni u t-tnaqqis relattiv tal-punti. F'dan l-aspett, huwa jgħid li meta jikri vettura ma jistax jaħseb minn qabel x'użu se jsir minnha u żgur ma jistax jingħad li, meta titwettaq kontravenzjoni waqt li tkun inkriet mingħandu ma jistax jitgħabba hu bil-ħsieb li jsir ksur ta' liġi;

Illi l-Awtorità intimata tilqa' għal dan l-ilment billi ttenni dak li qalet taħt l-ilment l-ieħor u, b'mod partikolari, li r-rikorrent kellu u messu nqeda b'mod aktar għaqli mir-rimedji effettivi li kellu u b'hekk ma kienx isib ruħu fil-qagħda li ġab ruħu fiha qabel fetaħ din il-kawża;

---

[30] Isemmi r-reg. 41 tal-L.S. 65.18

Illi l-Qorti tqis li safejn jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni xieraq jingħad li l-prinċipju mħaddan fihom jiġbor fih il-massima tad-dritt "*nullum crimen sine praevia lege*" li f'ilsienna tfisser li ħadd ma hu ħati ta' reat dwar għemil li, fil-waqt li jkun sar, ma kienx mil-liġi meqjus li huwa reat. Marbuta sfiq ma' dan il-prinċipju hemm l-ieħor li jrid li ma tistax tingħata piena eħrex minn dik li kienet tgħodd fiż-żmien meta twettaq ir-reat jew dwar għemil li, meta jkun twettaq jew naqas li jitwettaq, ma kien iġorr l-ebda piena ("*nulla poena sine lege*"). Dan ifisser ukoll li l-ebda liġi li ssir wara li jkun sar dak l-għemil ma tiswa biex tibdlu f'reat. Il-ħsieb wara dawn l-artikoli hu li titwarrab kull arbitrarjetà fis-sura ta' sanzjoni li tista' tirriżulta mill-imġiba ta' xi persuna, ukoll jekk f'għajnejn ħaddieħor dik l-imġiba tista' ma tingħoġobx jew saħansitra tkun ta' min jistmerrha. Għaliex l-għan tal-liġi huwa dak li tfisser u tgħid x'inhu l-għemil li jitqies reat u x'inhuma l-konsegwenzi li joħorġu fuq min iwettqu;

Illi dan ifisser ukoll li kemm l-għemejjel li jikkostitwixxu reat u kif ukoll il-pwieni li jingħataw fil-każ ta' sejbien ta' ħtija dwar it-twettiq tal-istess reat iridu jkunu preskritti b'mod ċar minn liġi, b'mod li persuna tkun taf minn qari tagħha jew mit-tifsir li Qorti tista' tagħti dwarha, liema għemejjel jew omissjonijiet iġibulu fuqu r-responsabbiltà kriminali[31]. B'"liġi" wieħed jifhem kemm dispożizzjoni ta' liġi miktuba u kif ukoll ġurisprudenza li tfisser l-għemil, u titlob li jkollha l-ħtiġijiet kwalitattivi li tkun magħrufa minn qabel u prevedibbli[32];

Illi jidher li minn dawn id-dispożizzjonijiet maż-żmien tnissel ukoll mill-Q.E.D.B. prinċipju ieħor li jrid li l-ebda awtorità nazzjonali m'għandha tagħti lil-liġi kriminali tifsira wiesgħa, bħal b'analoġija, li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna mixlija b'reat, u għalhekk titnissel il-ħtieġa li kull offiża tkun imfissra sewwa fil-liġi nnifisha, b'mod li l-persuna tagħraf minn kliem il-liġi, u jekk meħtieġ bl-għajnuna tat-tifsir tal-Qrati, liema għemil jew omissjoni iwassluh għall-ksur tagħha[33]. Dan ma jfissirx li l-Qrati titneħħielhom is-setgħa li jagħtu t-tifsira tagħhom tal-liġi li jridu japplikaw għall-każ[34]. Ifisser biss li l-Qorti m'għandhiex tislef il-funzjonijiet tagħha biex jew toħloq hi l-elementi ta' reat għal imġiba partikolari li l-liġi nnifisha ma tagħrafx, jew billi, b'tiġbid jew tixbih, tadatta għal imġiba partikolari l-elementi ta' reat maħsub għal ċirkostanzi ta' għemil bħalu. Huwa għalhekk li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi l-prinċipju taċ-"ċertezza tad-dritt" bħala tarka li tilqa' lil persuna minn akkuża li ma tkunx tista' tiddefendi ruħha minnha kif jixraq;

---

[31] Q.E.D.B. (GC) **17.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Scoppola vs Italja (Nru. 2)*** (Applik. Nru. 10249/03) §§ 93 – 94
[32] Q.E.D.B. **7.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***E.K. vs Turkija*** (Applik. Nru. 28496/95) §51
[33] Q.E.D.B. (GC) **25.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Kokkinakis vs Greċja*** (Applik. Nru. 14307/88) §§ 52 – 3
[34] P.A. (Kost.) GV **28.3.2008** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Lorraine Falzon*** (mhix appellata)

Illi f'dan ir-rigward jidher li biex jista' jingħad li liġi toqgħod għall-jedd imħares fl-artikolu 7, "*The provisions have to be sufficiently foreseeable and accessible. This requirement serves to avoid a criminal conviction being based on a legal norm of which the person concerned could not, or at least need not, have been aware of beforehand. This condition is satisfied if the individual may know from the wording of the relevant provision, and, if need be, from the relevant case-law, what acts and omissions will make him liable. ... The Court*[35] *took into consideration that, however clearly drafted a legal provision may be, there is always an inevitable element of judicial interpretation. It is inevitable for the making of legal provisions that more or less vague wordings are used. The Court also accepts that legal provisions must have a certain flexibility to handle changing circumstances and to avoid excessive rigidity*"[36];

Illi ma hemmx dubju li l-jedd li persuna ma tingħatax piena għal għemil li ma jkunx jikkostitwixxi reat tiġbor fiha konsiderazzjoni wkoll dwar il-piena nnifisha, għaliex ma huwiex biżżejjed li l-għemil ikun jikkostitwixxi reat meta jsir, imma li s-sanzjoni jew il-piena li tista' tingħata għal min iwettaq għemil bħal dak trid tkun ukoll stabilita minn liġi u magħrufa b'mod ċar minn qabel. Kemm l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni huma ċari biżżejjed biex ifissru dan. Dan ifisser li għemil li l-liġi tqisu bħala reat jiġbed fuqu l-piena jew is-sanzjoni li l-liġi tippreskrivi minn qabel. Kull bdil fil-liġi li bih il-piena ta' xi għemil jew ommissjoni tiħrax ma tistax tolqot il-ksur ta' dak l-għemil jew dik l-ommissjoni li jkun twettaq qabel il-bdil tal-liġi, għaliex il-piena li tgħodd hija dejjem dik li kienet tgħodd meta l-għemil ikun twettaq;

Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent jissejjes fuq linja ta' ħsieb li ma taqrax fid-dawl veru tagħhom iż-żewġ dispożizzjonijiet fuq imsemmija. Bl-argument tar-rikorrent, il-fatt li l-liġi tgħabbi l-liċenza tiegħu bil-punti għal xi kontravenzjoni li jwettaq ħaddieħor hu u jsuq vettura mikrija minnu, tkun qiegħda tintefa' fuqu ħtija ta' xiħaġa li ma wettaqx. Għalhekk, iqis li l-punti jmisshom jitneħħew mil-liċenza ta' min ikun isuq il-vettura għaliex il-kontravenzjoni titwettaq mis-sewwieq u mhux mis-sid. Dwar dan il-punt, m'huwiex xogħol din il-Qorti li tgħid x'imissu jagħmel min jilleġisla – il-Qorti trid tapplika l-liġi u tkejjilha max-xiber tas-siwi tagħha u dwar jekk b'dak il-kejl jinkisirx xi jedd fundamentali ta' persuna milquta bit-tħaddim tagħha;

---

[35] Ir-riferenza hawn hija għas-sentenza tal-Q.E.D.B. **25.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grigoriades vs Greċja*** (Applik. Nru. 24348/94) § 38
[36] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, (4th Edit), § 11.3 f' pag. 654

Illi, madankollu, f'dan il-każ, biex l-argument tar-rikorrent jintlaqa' din il-Qorti tkun qiegħda taċċetta li persuna tfarfar minn fuq spallejha responsabbiltajiet li joħorġu mir-rabtiet li hija tkun daħlet għalihom ma' ħaddieħor. F'dan il-qasam, il-liġi bħal tippreskrivi ħtija vikarja fuq is-sid tal-vettura ħatja ta' kontravenzjoni. Din il-qagħda fil-liġi ma daħlitx fis-seħħ wara li r-rikorrent daħal f'dan il-qasam ta' kummerċ u r-Regolamenti m'humiex l-unika liġi fejn dan l-istess prinċipju jgħodd ukoll[37]. Fit-tieni lok, ladarba d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti huma minnhom infushom ċari u prevedibbli, ir-rikorrent ma jistax jilmenta li huwa qiegħed jinstab ħati ta' reati ġejjin minn għemejjel li, fiż-żmien li twettqu, ma kinux jikkostitwixxu reat. Fit-tielet lok, il-Qorti tqis li kieku r-rikorrent inqeda f'waqtu u b'mod konsistenti u għaqli mill-għodda rimedjali li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, kien ikun f'qagħda tajba li ma jġibx fuqu l-effetti tas-sanzjonijiet penali li ngħataw kontrih;

Illi l-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rikorrent ma weriex li huwa ġarrab ksur lanqas ta' dan il-jedd u għalhekk issib li lanqas dan l-ilment ma huwa mistħoqq;

Illi fid-dawl ta' kulma ngħad hawn fuq, il-Qorti tqis li l-ewwel talba mhix mistħoqqa u mhux se tilqagħha;

Illi dan ifisser li lanqas it-tieni talba ma jixirqilha tintlaqa' għaliex ma hemm l-ebda direttivi u rimedji li l-Qorti tista' tagħti lir-rikorrent f'dan ir-rigward.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba** billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li r-rikorrent ma seħħlux juri li ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u lanqas tal-jedd li ma jinstabx ħati dwar xi għemil li, fiż-żmien li twettaq, ma jkunx meqjus mil-liġi bħala reat;

**Tiċħad it-tieni talba** billi hija konsegwenzjali għat-talba ta' qabilha; u

**Tordna** lir-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, b'dan li l-ispejjeż tas-sentenza preliminari tagħha tal-31 ta' Lulju, 2017, jitħallsu kif ordnat f'dik is-sentenza.

[37] Ara b'eżempju, App. Krim (Inf) EG **6.1.2023** fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Douglas Stephen Barbaro Sant***

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**